MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru. 103/2004

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J GATT
VS
WAYNE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wayne Farrugia ta’ 25 sena iben Anthony u Maria Deguara, imwieled Pieta fit-30 ta’ Dicembru 1978 u joqghod, Gardenia, Triq tax-Xmiexi, Msida ID30379M talli fit-2 ta’ Frar 2004 gewwa l-Imsida ghal habta tas-6pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura Citroen Saxo li iggib numru tar-registrazzjoni JET040, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta’ Kenneth De Martino tal-Jet Lease Limited, liema ammont ta’ hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira maltin imma izjed minn hamsn lira maltin.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Maria Rita Micallef, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx pubblika kontra Maria Rita Micallef persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel lil Maria Rita Micallef ingurji jew theddid jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ awtorita jew ta’ wahda li tkun inkarigata minn servizz pubbliku jew ma hallijiex jew fixkilha waqt li tkun taghmel id-dmirijiet taghha jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirha billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Dicembru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel, it-tieni u it-tielet akkuza.

Rat l-istess verbal tas- 6 ta’ Dicembru 2004 fejn id-difiza ecepiet il-preskrizzjoni fuq ir-raba u l-hames akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel tlett akkuzi u wara li rat Art 325(1)(b), 95, 96 tal-kap 9 u Art 7 tal-kap 446 tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar taht is-supervizzjoni ta' probation officer li ghandha tigi nominata mid-Direttur tal-Probation Services u dana wara li l-Qorti rat illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha tieghu (fol 10), filwaqt li tddikjara ir-reba u l-hames akkuzi bhala preskritti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------